

## DEĊIJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

**dwar il-kwittanza għall-implementazzjoni tal-baġit ġeneral tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja  
2010, Taqṣima II — Il-Kunsill**

(2012/545/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġeneral tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (¹),
  - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropeja għas-sena finanzjarja 2010 — (COM(2011) 473 — C7-0258/2011) (²),
  - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kunsill għall-awtorità ta' kwittanza dwar l-auditjar intern imwettaq fis-sena 2010,
  - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Audituri dwar l-implementazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu awditjati (³),
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni (⁴) dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Audituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbi għall-baġit ġeneral tal-Komunitajiet Ewropej (⁵), u b'mod partikulari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
  - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 31/2008 tas-Segretarju ġeneral tal-Kunsill/Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija u tas-Sigurtà Komuni dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjäġgar tad-delegati tal-Membri tal-Kunsill (⁶),
  - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonal bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (⁷),
  - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0095/2012),
1. Jiddiferixxi d-deċiżjoni tiegħu dwar l-għoti ta' kwittanza lis-Segretarju ġeneral tal-Kunsill dwar l-implementazzjoni tal-baġit tal-Kunsill għas-sena finanzjarja 2010;
  2. Jippreżenta l-kummenti u r-riżervi tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni u r-Riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Audituri, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*

Martin SCHULZ

*Is-Segretarju ġeneral*

Klaus WELLE

(¹) ĠU L 64, 12.3.2010.

(²) ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.

(³) ĠU C 326, 10.11.2011, p. 1.

(⁴) ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.

(⁵) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(⁶) Deċiżjoni li toħroġ mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill tat-22 ta' Luju 2002 (ĠU L 230, 28.8.2002, p. 7).

(⁷) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.